**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. _2146**

KAZ 2691

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

General Workers Union

u

Bank Centrali ta' Malta

Data : 7 ta' Mejju 2012

**Chairman : George Borg Cardona**

**Membri : Charles Cassar**
**Joseph Farrugia**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 4 ta' Gunju 2009.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Il-General Workers Union, aktar il-quddiem tissejjah il-"Union", kienet rapprezentata minn Cory Greenland assistit mill-Avukat Aron Mifsud Bonnici u Il-Bank Centrali ta' Malta, aktar il-quddiem jissejjah il-"Bank", kien rapprezentat minn Paul Farrugia assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

It-Tribunal zamm 6 seduti.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz il-Union ikkontendiet li l-Bank kiser il-Ftehim Kollettiv attwali meta naqas li jqassam bhala zidiet lill-haddiema l-ammont kollu tal-*pot* mahdum bir-rata ta' 4% fuq il-valur totali tas-salarji tal-impjegati mhux klerikali. Qalet ukoll li ma qabletx mal-mod kif il-Bank iddecieda wahdu li ma jqassamx l-*additional pot* li kien forma ta' bonus maqbul bejn il-partijiet biex jincentiva tnaqqis fl-assentijizmu.

Il-Bank sostna li it-talbiet tal-Union ghandhom jigu michuda ghaliex hu mexa ma dak li gie stabbilit fil-Ftehim Kollettiv.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li fil-Ftehim Kollettiv precedenti li kien ikopri mill-1/1/2005 sal-31/12/2007 gie stabbilit *pot* ta'3% fuq il-pagi bazici ta' l-impjegati mhux klerikali u f'*side agreement* mal-Ftehim gie dikjarat kif gej :

"The Bank and the union agree that the total pot will be distributed for all employees within the category represented by the union subject to the condition that all performance targets are reached by the respective category of employees".

Il-Union tikkontendi li dan juri li l-intenzjoni, bhal dejjem, kienet li l-*pot* ghandu jitqassam kollu waqt li l-Bank isostni li t-tqassim kien dejjem soggett ghall-kondizzjoni li jintlahqu l-*performance targets* mill-impjegati.

Din il-klawsola hija ambigwa ghaliex ghalkemm il-partijiet jaqblu li l-*pot* **kollu** ghandu jitqassam dan gie soggett ghall-kondizzjoni li l-*performance targets* **kollha jintlahqu mill-kategoria rispettiva ta' l-impjegati.** Anke hawn hemm ambigwita' ghaliex fil-Ftehim Kollettiv il-kelma kategorija hija uzata biex tfisser impjegati mhux klerikali. Zgur li dan ma kellux ifisser li l-*performance targets* kellhom jintlahqu mill-impjegati mhux klerikali kollha u f'dan il-kaz liema kellhom ikunu t-*targets* specifiki.

Fil-Ftehim Kollettiv li jkopri l-perijodu minn 1/1/2008 sa 31/12/2010 din il-klawsola tnehhiet mis-*side agreement*, il-*pot* zdied ghal 4% u gie regolat biss b'Appendix A tal-Ftehim. Dan stabbilixxa li t-tqassim isir kif gej :

"The percentage increase in pay will be determined in accordance with the ratings given in the Bank's Performance Management System in line with the following information :"

li kien jikkonsisti fin- numru tar-*Rating* u r-*Range in Percentage.*

Ma ssemiex aktar tqassim tal-*pot* kollu izda giet stabbilita sistema kif tinhadem u tithallas iz-zieda fis-salarji.

It-Tribunal jemmen li meta inholqot is-sistema li ziediet fis-salarji jintrabtu ma *performance rating* il-Bank ried jincentiva l-haddiema biex izidu fil-produttivita' halli jikkwalifikaw ghal ziediet fil-pagi waqt li l-Union accettat dan l-arrangament bil-hsieb li jiehdu l-akbar zieda dawk li haqqhom l-aktar izda ma stennietx li t-thaddim tas-sistema kien se jirrezulta li ma titqassamx iz-zieda miftehma fit-totalita' taghha.

Ma hemmx dubju li t-tqassim tal-*pot* sar skond dak stabbilit permezz ta' Appendix A tal-Ftehim Kollettiv. Izda gara li, ghalkemm l-impjegati individwali rcievew iz-zieda kollha li kien haqqhom skond il-*performance rating* li nghataw, l-ammont totali li tqassam kien anqas mit-total ta' *pot* miftiehem.

Meta ezamina t-thaddim ta’ din is-sistema t-Tribunal sab li jekk il-haddiema jakkwistaw *ratings* li permezz taghhom it-total ta’ zieda jaqbez il-percentagg tal-*pot* miftiehem dawn jitilfu parti minnha biex ma jkunx eccedit l-ammont miftiehem. Minn naha l-ohra, kif gara, jekk ir-*ratings* ma jkunux gholjin biz-zejjed, l-ammont miftiehem ma jithallasx kollu u d-differenza tinzamm mill-Bank.

Normalment fi Ftehim Kollettiv meta tigi stabbilita zieda fil-pagi din tinghata kollha minghajr ma wiehed joqghod iqis il-merti individwali tal-haddiema. Is-sistema maqbulha bejn il-Bank u l-Union ghandha mertu kbir izda trid tinhadem b’mod li tibqa accettabbli ghall-partijiet. Jekk ma jsirx hekk ikun hemm il-periklu li ma jsirx aktar ftehim ta’ din ix-xorta li ghandu l-mertu li jorbot ziediet ma produttivita’ u jkun ta’ xkiel li din is-sistema tinfirex.

Huwa stabbilit li dak maqbul bejn il-partijiet fi Ftehim Kollettiv ghandu forza ta’ ligi u li ftehim bil-miktub ghandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu. It-Tribunal ma jistghax jinterpreta ftehim skond dak li jidrilha parti jew ohra izda irid japplika dak miktub fejn dan hu car u ma jhallix lok ghal dubju.

It-Tribunal jikkonsidra li l-Bank mexa skond dak stabbilit f’Appendix A tal-Ftehim Kollettiv li kien ikopri l-perijodu 1/1/2008 sa 31/12/2010 u ghalhekk ma jistghax isib li l-Bank kiser il-Ftehim kif allegat il-Union.

B‘dana kollu it-Tribunal jidihirlu li mil-lat ta’ gustizzja Appendix A hu difettuz ghaliex :

a) il-partijiet ma ftehmux xghandu jsir jekk kawza tal-*performance ratings* li jinghataw ma jitqassamx il-*pot* kollu ;
b) kif miktub, meta dawn ma jintlahqux igawdi l-Bank izda jekk it-total tar-*ratings* ikun tajjeb tant li jeccedi l-4% il-bank ma jhallasx – jigifieri tahdem dejjem favur il-Bank u kontra l-haddiema ;
c) ghalkemm it-Tribunal hu sodisfatt li l-*performance ratings* inhadmu b’mod gust tezisti l-possibbilta’ ta’ abbuz billi fil-futur jistghu jinghataw *ratings* baxxi biex ma jithallasx il-percentagg shih tal-*pot* miftiehem ;
d) il-possibbilta’ li ma tithallasx is-somma kollha miftehma bhala zieda tgerrex unions milli jaddottaw sistema ta’ ziediet marbutin ma produttivita’, li fiha hafna mertu, meta taht sistemi ohra membri taghhom jiehdu z-ziediet miftehma kollha minghajr ma toqghod titqies il-produttivita.

It-Tribunal ma jhossx li jista’ jordna li d-differenza tithallas lill-impjegati, jew b’liema mod, ghax dan ma jirrezultax mill-Ftehim. Izda fl-interess tal-partijiet u dak generali t-Tribunal jordna li l-Bank ghandu jpoggi dawn l-ammonti f’kont specifiku (ez. Welfare Fund) biex jintuza mill-Union ghal xi skema ta’ beneficcju ghall-haddiema. Dan ghaliex it-Tribunal jifhem li l-Bank ried jaghmel limitu fuq it-total ta’ zieda li tithallas izda jifhem ukoll li meta l-Union accettat zieda marbuta ma produttivita ma stennietx li din se

jkollha l-effett li tintilef parti miz-zieda miftehma kuntrarju ghal dak li jsir fi ftehim tradizzjonali.

Ma jidhirx li l-partijiet ikkonsidraw din l-eventwalita meta ffrirmaw l-Ftehim Kollettiv. Wiehed jistenna li fi fehim gdid, jekk tibqa tintuza s-sistema tal- *pot*, jigi stabbilit b'mod definit x'ghandu jsir jekk r-*ratings* jikkagunaw li ma jintlahaqx il-percentagg tal-*pot* miftiehem. Biex din is-sistema tahdem tajjeb l-Union trid tkun mohha mistrieh li l-Bank ma jkollux il-possibbilta' li jaghti *ratings* baxxi biex ma jhallasx l-ammont kollu miftiehem. Dan jghin ukoll biex unions jaccettaw sistemi ta' ziediet marbutin ma produttivita li fihom mhemmx possibbilta' ta' abbuz. Dawn fihom hafna mertu u huma ta' gid ghall-ekonomija tal-pajjiz.

It-Tribunal josserva li kien hemm nuqqas mill-partijiet li ma nzammewx minuti ufficjali tan-negoziati li wasslu biex jigi ffirmat il-Ftehim. Minn dawn seta' jkun possibbli tigi stabbilita l-intenzjoni tal-partijiet u jigu evitati kwistjonijiet ta' interpretazzjoni. Fic-cirkostanzi it-Tribunal kellu jevalwa x-xhieda u jasal ghal konkluzjoni li deherlu tkun gusta mal-partijiet.

Dwar l-*Additional Pot* ta' 2% marbuta ma l-attendenza t-Tribunal jinnota li ftit li xejn sar accen ghal din il-kwistjoni waqt is-smiegh tal-kaz. Jirrezulta li t-*target* kien maqbul mal-Union u ma ntlahaqx. Il-Union ilmentat li l-Bank naqas li jaghti pubblicita' fost il-haddiema liema *targets* ghandhom jilhqu biex jiehdu pagament addizzjonali. Meta wiehed jaghmel incentiv biex jonqos l-assentejizmu ma jaghmilx sens li javza il-limitu li tista' tonqos biex tikkwalifika ghall-hlas. Jidhirlu li s-sistema maqbula kienet wahda ragonevoli u giet applikata skond il-Ftehim.

Ghalhekk it-Tribunal ma jilqax din it-talba.

Ma kienx possibbli li tinghata decizjoni fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba numru ta' differimenti mill-partijiet u xhieda volominuza.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).

B'hekk itemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

ft/George Borg Cardona
Chairman

ft/Joseph Farrugia
Membru

ft/Charles Cassar
Membru

Vera kopja

Mary Rose Galea
Segretarja